**24 ta' Frar 1967.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Teresa Vella

*versus*

Mary Boldarini et.

**Azzjoni ta' Manutenzjoni u Pussess—Prekarjeta—Vjolenza.**

*L-azzjoni ta' manutenzjoni, għad-differenza ta' dik ta' spoll, ma tirrikjedix l-element ta' vjolenza għall-esperiment tagħha. L-molestja fl-azzjoni ta' manutenzjoni tista' tkun tant ta' fatt kemm ta' dritt imma timplika dejjem kontradizzjoni għal pussess ta' liema xorta ikun. Fis-sistema tal-liġi tagħna l-vizzju tal-prekarjeta jeskludi l-azzjoni biss meta ikun rigward l-konvenut.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni presentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li l-konvenut Harry Boldarini huwa l-inkwilin tal-fondi numri 53 u 54 Sirien Street, Senglea bil-kera ta' sitt lira u tnax il-xelin (£6.12.0.) fis-sena għall-ewwel fond u sebgħa liri (£7) għat-tieni fond, pagabbli trimestralment bil-quddiem, liema fondi huwa kriehom mingħand Vincenzo Vella u Giuseppe Vella xi 25 sena ilu; u illi l-kera hekk riċevut flimkien mal-kera tal-fond num-

u 173, Two Gates Street, Senglea (okkupat minn Giuseppe Vella u mill-istanti) kien, min żmien twil ta' ħafna snin, jiġi ripartit bejn Vincenzo Vella u Giuseppe Vella fil-kwoti ta' 83/120 a favur ta' Vincenzo Vella u 37/120 a favur ta' Giuseppe Vella, li hu missier u l-awtur tal-konvenuta, skond il-kwoti posseduti minnhom rispettivament; u illi mill-mewt ta' Vincenzo Vella, l-instanti sia personalment kif ukoll bħala eredi universali ta' żewġha Vincenzo Vella kompliet tippossiedi din il-kwota ta' 83/120; u illi, meta għalaq il-kera f'Novembru, 1961 l-instanti talbet lill-konvenuti jħallsu l-kera, huma irrifjutaw u kkontestálha d-dritt tagħha għall-kwota fuq indikata ta' 83/120 mit-tliet fondi fuq indikati, u anzi allegaw prekarietà fil-pussess; u li l-aġir tal-konvenuti jammonta għall-molestja kontra l-pussess ta' l-instanti fis-sens tal-liġi, u b'mod speċjali ta' l-artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili, u rimarkatament għaliex il-konvenuta hija komproprietarja tal-fondi bħala waħda mill-eventi kawża min Giuseppe Vella; u illi l-pussess tal-instanti mhux affett minn ebda vizzju ta' vjolenza klandestinità jew prekarjetà fis-sens tal-artikolu 571 fuq imsemmi; u li l-instanti interpellat lill-konvenuti, anki ġiudizzjarjament, għall-fini tal-manutenzjoni tal-pussess tagħha u huma naqqsu milli jneħħu l-molestja minhom konnessa, kif huma obbligati li jagħmlu skond il-liġi — talbet li jiġi dikjarat u deċiż li hija, fiż-żmien tal-molestja fuq indikata da parti tal-konvenuti, prevja jekk hemm bżonn id-dikjarazzjoni tal-avverament tal-molestja fis-sens tal-liġi, kellha u għandha l-pussess ta' 83/120 indiviżi mill-fondi 53 u 54 Siren Street, Senglea u 173 Two Gates Street, Senglea, a tenur tal-artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili, u tiġi ordnat li tiġi mantenuta, u jekk hemm bżonn, tiġi reintegrata f'dak il-pussess; u konsegwentement, jiġi ordnat lill-konvenuti biex jiddesistu mill-molestja illegali tagħhom taħt il-[illegible] kollha komminati mil-liġi, inkluża dik li jkunu ħatja ta' [illegible] għall-awtorità tal-Qorti — [illegible]pejjes.

Rat in-nota tal-eċċezzjoni tal-konvenuti li biha qalu li kif espressament dikjarat fl-att taċ-ċitazzjoni l-azzjoni proposta tinsab bażata fuq id-disposizzjoni tal-artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili. Iżda din id-disposizzjoni mhiex applikabbili għall-każ, għaliex il-molestja hemm kontemplata hija dik estrinsekata b'vidi fatto, li jammontaw għall-"ragion fattasi". Il-fatt li meta wieħed jiġi msejjaħ biex iħallas il-kera ta' porzjoni ta' fond, jinsisti biex ikun jaf liema hija l-vera porzjoni ta' min ikun interpellah għal dak il-ħlas ma jista' qatt jammonta għall-molestja pretiża mill-attriċi, illi billi l-azzjoni proposta hija dik possessorja, u din l-azzjoni mhiex ammissibbili għar-raġunijiet sottomessi fil-paragrafu ta' qabel, id-domandi avanzati bl-att taċ-ċitazzjoni mhumiex ammissibbili u għandhom jiġu respinti; u illi, mingħajr preġudizzju tal-premess l-azzjoni hija anki nsostenibili, billi l-kontestazzjoni dwar il-kwota spettanti lill-attriċi ilha missena 1955 — b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Illi b'sentenza parzjali tat-2 ta' Ottubru, 1965 l-imsemmija Qorti tal-ewwel istanza ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Illi b'sentenza oħra ta' dik l-istess Qorti mogħtija fl-20 ta' April, 1966, ġiet milqugħa t-talba ta' l-attriċi u ġie ordnat lill-konvenuti li jiddesistu immedjatament mill-imsemmija molestja taħt il-pieni komminati mil-liġi — bl-ispejjes (barra minn dawk li jinsabu ġia deċiżi) kontra tagħhom, wara li kkunsidrat —

Li l-azzjoni istitwita mill-attriċi li ssuċċediet b'varjanti diversi, għall-interdett "uti possidetis", hija bażata fuq id-

disposizzjoni tal-artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid: "Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa *immobili*, jew ta' universalità ta' ħwejjeġ *immobili* jiġi *molestat f'dana il-pussess*, jista' fiż-żmien sena mill-molestja, *jitlob li jinżamm* f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ħa *b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut* bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju."

Li, il-konvenuti qegħdin jopponu għal dina l-azzjoni l-inapplikabilità tad-disposizzjoni ta' l-artikolu fuq ċitat, billi l-molestja hemm kontemplata hija dik estrinsika li timmanifesta ruħha permezz ta' "vie di fatto" li jammontaw għal "ragion fattasi".

Li, propriament, simili eċċezzjoni u l-osservazzjonijiet esposti fin-nota tal-konvenuti in sostenn tagħha, mhumiex esattament attinenti għall-każ, għaliex huma pjuttost nozzjonijiet ġuridiċi rigwardanti l-elementi tal-azzjoni tal-ispol' regolata mill-art. 572 tal-Kodiċi Ċivili; li hija sostanzjalmer differenti mill-azzjoni ta' manutenzjoni kontemplata fl-arti kolu ta' qabel ġià fuq ċitat, kif sejjer jiġi espost aktar l-isf·'

Li l-azzjoni eserċitata mill-attriċi hija deċiżament di tal-manutenzjoni tagħha fil-kompossess tal-fondi li tagħ hom għandha sehem in proprietà, kontra t-turbativi tal-kon venuti. L-attriċi, infatti, tirritieni li l-kompossess tagħha ġi modifikat, jew għal kollox diskonoxxut b'dawk il-molestj tal-konvenuti, "che costituiscono tutto ciò che tende a mo dificare l'altrui possesso contro il divieto espresso o presunto del possessore" (Fadda art. 694 para. 759).

Li, għalhekk, huwa utili biex tiġi evitata kwalunkwe possibili konfużjoni, li jinżammu distint dawna ż-żewġ kon

ċetti, kif formulati mir-Recci: "L'azione d manutenzione ha per iscopo di evitare le molestie che sono arrecate a chi possiede come padrone......l'addove la reintegrazione è diretta ad ottenere la restituzione della cosa tolta violentemente od occultamente quando anche ne fossimo detentori senza alcun titolo e senza la pretesa d'esercitarvi un diritto di proprietà......La manutenzione trae origine dall'indole del possesso stesso, mentre la reintegranda non nasce dal possesso, che può mancare......l'azione di manutenzione è reale, mentre quella di spoglio è personale". (Corso, Vol. V Pag. 173; Kollez. XXXI, i, 296; XXXII, i, 356).

Li, dana premess, għandhom jiġu eżaminati l-fatti li jikkonstitwixxu l-element ta' dina l-azzjoni, li huma appuntu:—

1) Il-pussess ta' ħaġa immobbli jew ta' universalità ta' ħwejjeġ immobili.

2) L-att li jikkostitwixxi l-molestja għal dana l-pussess.

3) L-esperiment tal-azzjoni fiż-żmien sena mill-molestja.

Li a rigward tal-ewwel rekwisit irriżulta li Vincenzo u Giuseppe aħwa Vella kienu kompossessuri tal-fondi Nru. 53 u 54 Siren Street, Senglea, u 173 Two Gates Street, Senglea. Il-kera kien jinqasam bejniethom in kwantu għal 83/120 a favur ta' Vincenzo Vella u kwantu għal 37/120 a favur ta' Giuseppe Vella; dina r-ripartizzjoni ilha ssir għal żmien twil.

Li l-fond Nri. 53 u 54 Siren Street kienu mikrija lill-

konvenuti, u l-fondi 173 Two Gates Street, kien okkupat minnu u mikri lil Vincenzo Vella. Meta miet Giuseppe Vella li jiġi missier il-konvenuta, il-kera baqa jinqasam bl-istess mod. Wara l-mewt ta' Vincenzo Vella, daħlet fl-istess posizzjoni tiegħu l-mara tiegħu l-attriċi, bħala eredi universali tiegħu; iżda, fuq l-ammissjoni tal-istess konvenuta dina baqgħet tħallas il-kera bħal qabel sas-sena 1961 lil Vinċenzo Vella, u meta miet, għalkemm l-attriċi talbitulha, ma ħallsitiex.

Li għalkemm il-liġi tirrikjedi li l-pussess ikun ta' liema xorta jkun, f'dana l-kas, mill-provi ma rriżultax li dana l-pussess tal-attriċi ma kienx leġittimu, jiġifieri li ma kienx rivestit bir-rekwiżiti li trid il-liġi, irriżulta in fatti li huwa kien kontinwu, paċifiku, mhux ambigwu, u li ma ġiex akkwistat "nec vi, nec clam, nec precario."

Li dana l-pussess huwa definit fl-art. 561 (1) tal-Kodiċi Ċivili, bħala d-detenzjoni ta' ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li tagħhom tista' tinkiseb il-proprietà, u li wieħed iżomm u jeżerċitah bħala tiegħu innifsu. Billi dina d-detenzjoni jew pussess, hija ta' liema xorta tkun, jibqa' jissussisti xorta waħda fl-attur 'in manutenzione' indipendentement mid-dritt li wieħed jista' jkollu għal dina d-detenzjoni jew għal dak il-godiment; għaliex skop finali u uniku ta' dina l-azzjoni huwa dak li jiġi stabilit mill-ġudikant min għandu l-pussess, biex jiġi magħruf liema miż-żewġ kontendenti għandu jsostni fil-ġudizzju petitorju li eventwalment jiġi affrontat il-parti tal-attur u dik tal-konvenut; "Exitus controversiae possessionis hic est tantum ut prius pronuntiet judex 'uter possideat', ita enim fiet ut is qui victus est de possessione petitoris partibus fungatur et unc de dominio quaeritus" (L. 35 D de acq. poss. 41. 2).

Li inoltre, mhux ta' ostakolu għal dina l-azzjoni l-fatt tal-kompossess tal-kontendenti fil-proprietà in kwistjoni, għaliex jekk it-turbativa tivverti fuq il-kompossess tal-attriċi l-azjoni tagħha tassumi l-karatteristika ta' azzjoni possessorja, intisa biex ma tippermettix lil-kompossessuri l-oħra l-konvenuti, jiddiminwixxu l-kompussess tagħha (Fadda, art. 694 para. 1025; u Kollez. XXIX, ii, 611) (Zachariae, Dir. Civ. Delle condizioni dell'esercizio delle azioni possessorie, para. 287).

Li dana jingħad għaliex il-liġi ma timponi ebda restrizzjoni u limiti kontra min trid tiġi eserċitata d-difiża tal-pussess, u għalhekk il-manutenzjoni hija diretta "contro qualunque autore della turbativa", anke jekk dan ikun kondominu jew kompossessur (Cataneo e Borda; Cod. Civ. Ital. Comm. art. 694 tal-Kodiċi Ċivili Taljan simili għall-art. 571 tal-Kodiċi Ċivili tagħna; u sentenza Prim'Awla in re "Avukat Dottor Lorenzo Cauchi vs Nutar Vella et" deċiża fis-sittax (16) ta' Marzu, 1935 u konfermata fl-Appell fl-għoxrin (20) ta' Marzu, 1936; Bettini, anno 1879, I, 383). Dawna r-rimedji possessuri jispettaw lill-enfitewta anki kontra l-padrun dirett (Borsari, Enfiteusi, 570).

Li, f'kwalunkwe kas, f'dina l-kawża mhuwiex espedjenti li jiġi eżaminat jekk l-attriċi hijiex assistita minn titolu, għaliex huwa suffiċjenti pussess ta' kwalunkwe xorta jkun, purchè ma jirriżultax li ġie usurpat mill-avversarju bi vjolenza jew bil-moħbi jew li ġie minnu prekarjament ottenut, u dana in forza tal-prinċipju li, "in judicio manutentionis nudum factum possessionis astenditur" u dana l-fatt tal-pussess għandu jiġi difis "ad instar juris".

Li fl-aħħarnett, dejjem f'materja ta' manutenzjoni tal-pussess ġie ritenut mill-Qrati tagħna li: "Non è lecito a

chiunque, benchè munito di un titolo di proprieta di molestare il possessore di un immobile anche con *titolo precario*, ed obbligarlo a dimostrare con quale titolo possegga, a meno che l'attore (*li mhux il-kas*) non *metta* per base della sua istanza la domanda da provarsi di essere egli il proprietario della cosa da altri posseduta" (Kollez. IX, 291).

*Li, għalhekk il-provi li riedu jagħmlu l-konvenuti per*mezz tal-produzzjoni tad-dokumenti offerta fis-seduta tassitta u għoxrin (26) ta' Jannar, 1966 ma jistax ikollha ebda effikaċja għas-soluzzjoni tal-kwistjoni involuta f'dina l-*kawża, u* għalhekk qegħdi *tiġi mićħuda.*

Li a rigward tat-tieni rekwisit għandu jingħad mill-ewwel li d-dannu mhux element tat-turbativa "la quale si verifica sempre allorchè da un'atto deriva una diminuzione del possesso, o un alterazione del modo d'esercitarlo" (Cassaz. Roma 30, Maggio, 1888; Vol. XXII, parte I, I pag. 214 Fadda, art. 694, para. 757; u Kollez. XXIX. ii, 373); u għalhekk kwalsiasi attentat għall-eserċizzju *normali* tal-pussess, akkompanjat bl-"animus turbandi", — ċioè il-pretisa talpussess li hu ta' ħaddieħor, — jikkostitwixxi dik il-molestja li qegħda a bażi tal-azzjoni presenti; "Etenim videris mihi possessio contraversiam facere qui prohibes hic *uti* mea possessione" (Ulpiano, fr. 3 para *I Dig.* uti poss. 43, 17).

*Li, infatti, kif ġie rilevat mill-Qorti* tagħna *u esteri, li* molestja bla dak l-iskop hija ħaġa inkomprensibbli u fl-assenza tiegħu ma tistax teżisti turbativa (kollez. XXXIII, ii, 198; Cae, Napoli, 2 Maggio, 1898, Parte II, I pag. 279).

Li mill-provi emerġa b'suffiċjenza l-element intenzjonali fil-konvenuti li jnaqqsu jew jalteraw il-mod tal-eser-

ċizzju tal-possess tal-kwota tal-imsemmija *fondi* posseduta mill-attriċi; u n-negazzjoni tal-konvenut espressa fl-ittra tagħha, hija konferma ta' dana l-animus *manifestat* bil-kliem "ma sarx biex jinvesti lil Vinċenzo Vella b'xi pussess ta' kwoti li għalihom ma kellux dritt jew titolu" u għalhekk l-attriċi kienet ġustifikata tistitwixxi l-azzjoni odierna (v. Sent. P.A. in re "Beatrice Xuereb Montebello vs. Vincenzina Cassar", deċiża fl-għaxra (10) ta' Marzu, 1964).

Li a rigward tat-tielet element li l-liġi tistabilixxi l-limiti ta' żmien sena mill-molestja għall-eserċizzju ta' dina l-azzjoni. Mill-eżami tal-provi rriżulta li sakemm miet Vincenzo Vella fis-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru, 1961, il-konvenuti baqgħu jħallsu l-kera bħal qabel; u meta l-konvenuti kellhom iħallsu l-iskadenzi tal-ħdax (11) ta' Novembru u tat-tmintax (18) ta' Diċembru, 1961 *relativi* għall-kera tal-fondi in kwistjoni, irrifjutaw li ħallsu bħal qabel lill-attriċi, allavolja kienu ġew *interpellati* għal dana l-iskop b'ittra tas-27 ta' Awissu, 1962 u b'ittra uffiċjali tal-10 ta' Settembru, 1962.

Li l-attriċi ippresentat iċ-ċitazzjoni fit-18 ta' Ottubru, 1962, jiġifieri fiż-żmien utili, qabel ma għalqet is-sena mid-dati rispettivi tal-iskadenzi tal-kera fuq indikati.

Li, għalhekk, billi l-molestja ġrat anqas minn sena qabel il-presentata taċ-ċitazzjoni, mhemmx lok li tiġi affrontata l-kwistjoni spinuża trattata mill-Avukat Vincenzo Luparja fl-opera tiegħu "Questioni possessorie" jekk ċioè it-terminu għandux jgħaddi mill-ewwel jew mill-aħħar molestja.

Li, fl-aħħarnett, il-Qorti tħoss, in vista tal-ġudikati minnha ċitati preċedentement, li l-asserzjoni magħmula

mill-konvenuti fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, hija jekk mhux gratwita, għal inqas inesatta u frivola. Il-konvenuti, *infatti* kkonkludew l-osservazzjonijiet tagħhom b'dawna *l-kliem*: "għalkemm saret minnhom riċerka minuzjusa *fil*-volumi tad-deċiżżjonijiet ta' dawna t-tribunali, ma *rnexxilhomx isibu* kas wieħed biss bħal dan *li nġieb il-quddiem* mill-attriċi biċ-ċitazzjoni tal-lum".

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuta u l-petizzjoni tagħha li biha talbet illi dik is-sentenza tiġi revokata billi jiġu respinti d-domandi ta' l-attriċi appellata, bli spejjes taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

Rat ir-risposta tal-attriċi *li* biha qalet illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita *konferma*, bir-riġett tal-appell bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

*Illi* l-fatti *huma* korrettament esposti fis-sentenza appellata. Kontra din is-sentenza l-konvenuta appellanti ġiebet il quddiem l-aggravju li, kontrarjament għal dak *li* irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti, l-artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili *ma japplikax* għall-każ in eżami.

Illi l-appellanti tallega fl-ewwel lok illi l-pretiża molestja tagħha mhiex legalment inessistenti u donna tirrikjedi għall-finijiet tal-applikabilità tal-imsemmija disposizzjoni tal-liġi illi l-molestja tkun neċessarjament b'"vie di fatto" u tittraduċi ruħha f'att estrinsiku u vjolent, u infatti f'dik il-parti tal-petizzjoni tagħha *li tittratta dwar dan* il-pont, l-istess appellanti tirrileva illi fil-kors tal-eżami neċessarju ta' kif għandha tkun u f'hiex tikkonsisti l-molestja għall-finijiet

tal-applikabilità tal-imsemmi artikolu "għandu jiġi rikonox-xut li qegħdin f'materja ta' spoll".

Illi hu ċar mit-termini stess taċ-ċitazzjoni illi l-azzjoni esperita mill-attriċi appellata hi dik ta' manutenzjoni u għalkemm tant din kemm l-azzjoni ta' spoll huma azzjonijiet possessorji hu ovvju li l-waħda u l-oħra għandhom però jinżammu distinti. L-azzjoni ta' spoll għandha karattru ri-kuperatorju mentri l-azzjoni ta' manutenzjoni għandha ka-rattru konservattiv, u waqt li l-vjolenza b'riferenza għall-a[illegible] denunzjat għandu post importanti fil-kamp tal-azzjoni ta' spoll, l-istess ma jistgħax jingħad għar-rigward tal-azzjoni ta' manutenzjoni. Kwantu għal-molestja in relazzjoni għal din l-aħħar azzjoni, mhux meħtieġ li din tkun neċessarja-ment ta' fatt imma tista tkun ukoll ta' dritt. L-insinjament tal-Aubry et **Rau f'din** il-materja tista tgħid li baqa klas-siku u għadu ċitat b'approvazzjoni anki fi trattati reċenti bħal ta' Colin et Capitant (**Traitè de Droit Civil,** 1959 Tome II, pagina 246, para. 453). "On intend par trouble," jgħidu Aubry et Rau (sitt edizzjoni, Tome II, paġina 222, para. 187) "tout fait material on tout acte juridique qui, soit di-rectament et par liu-meme, soit *indirectement* et par vioe de consequence, **constitute on implique une pretention contraire à la possession d'autrui."**

Illi l-molestja għalhekk tista tkun tant ta' fatt kemm ta' dritt imma timplika dejjem kontraddizjoni għall-pussess, fil-liġi tagħna "ta' liema xorta jkun." Hi testerna ruħha f'att kompjut kontra l-volontà tal-possessur — u bl-"animus con-trarius" (li jaġixxi kontra tiegħu) — li jostakola l-possess jew ibiddel jew jillimita il-mod kif dan kien jiġi qabel espli-kat anki mingħajr ma l-molestanti jafferma għalieh stess pussess kontrarju (ara Montil, **Il Possesso,** 1962, paġni 538-539).

Illi, kif sewwa irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti fil-każ preżenti jirriżulta fl-attriċi, u qabel ma miet f'żewgħha, għal diversi snin il-pussess tal-kwota mill-imsemmijin *fondi* indikata fl-att taċ-ċitazzjoni u li, fiċ-ċirkostnzi tal-każ, dan il-possess qed jiġi issa molestat bl-"animus contrarius" da parti tal-konvenuta. Il-*konvenuta tallega* — u fuq il-bażi ta' din l-*alegazzjoni irrifjutat li* tkompli tħallas il-kera bħal qabel — illi hemm *xi* terzi li għandhom sehem minn din il-kwota u *talbet infatt* quddiem *din* il-Qorti, kif kienet talbet ukoll inutilment quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, li tipprova dan permezz ta' dokumenti. Fil-kontest tal-azzjoni possessorja esperita, però, dawn il-provi mhumiex *rilevanti* u t-talba relativa qiegħda għalhekk tiġi miċħuda. Dawn *kienu* talvolta jistgħu jkunu rilevanti kieku l-konvenuta *appellanti* qeda tallega — dak li mhiex tagħmel — illi hi stess għandha sehem minn dik il-kwota. Dan jingħad imħabba l-proviso tal-artikolu 571, artikolu li fl-interezza tiegħu jgħid hekk: "Kull *min, waqt li jinsab* fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobbli, jew *ta' universalità* ta' ħwejjeġ mobbli, jiġi immolestat *f'dan il*-pussess, jista, fi żmien sena mill-molestja, jitlob li jinżammu f'dak il-pussess, basta li *ma* jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb minn għandu dak il-pusses b'titlu prekarju."

Illi fis-sistema tal-liġi tagħna l-vizzju tal-prekarjetà, li jidher li l-appellanti qegħda sostanzjalment topponi, jeskludi *l-azzjoni biss meta jkun rigward il-konvenut u dan jirriżulta* ċar mill-kliem fl-aħħar tal-artikolu "minn għandu." Din kienet *ukoll* l-intenzjoni ċara tal-leġislatur kif jirriżulta min-noti ta' Sir Adrian Dingli dwar dan l-artikolu stess (allura artikolu 229 tal-Ordinanza VII tal-1868) li jagħmlu enfasi fuq is-soppressjoni tal-kelma "leġittimu" (li kienet tinsab fil-Kodiċi taljan) relativament għall-pussess manutenibbli u

fuq *il-pont superjorment* imsemmi *dwar rigward* min għandhom ikunu l-vizzji imsemmijin fl-aħħar tal-artikolu fuq indikat biex jeskludu l-*azzjoni*.

Illi fil-fehma tal-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti jirrikorru, kif sewwa irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti, l-estremi kollha tal-azzjoni ta' manutenzjoni esperita bil-preżenti ċitazzjoni. L-appellanti adoperat fost l-argumenti minnha avanzati kontra l-esperibilità tal-azzjoni ta' manutenzjoni fil-każ preżenti, li *fil-liġi* tagħha jeżisti l-istitut tal-jattanza, li għandu l-iskop preċiż li *jirripelli* pretensjonijiet simili u għalhekk, kieku fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet esperibili l-azzjoni proposta, id-disposizzjonijiet tal-liġi relativi għall-jattanza kienu jkunu superfluwi, waqt li l-prinċipju hu li ebda disposizzjoni tal-liġi ma tista titqies superfluwa. Il-Qorti, però, ma tistax verament issegwi dan l-argoment. Apparti l-kwistjoni jekk *fil-każ preżenti* jirrikorrux effettivament l-estremi kolla tal-azzjoni ta' jattanza — ħaġa li fuqha din il-Qorti la hi *msejħa* u lanqas hu xieraq li tippronunzja ruħha fil-preżenti *ġudizzju* — irid wieħed jiddistingwi fuq il-pjan ġuridiku bejn is-*sempliċi* jattanza u l-molestja vera u propria kif wieħed irid ukoll jiddistingwi din mill-*minaċċja* ta' molestja futura.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bli spejjes taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.